**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM 10 ta' Novembru 2020**

**Rikors Guramentat Nru. 370/20 GM**

**Quintus International Ltd (C-38406)**

**vs**

**Roosendaal Hotels Ltd (C-3112)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu is-soċjeta' attriċi wara li ppremettiet illi:

> Ġiet imqabbda mis-soċjeta` konvenuta biex tiffabrika u tinstalla xogħol tal-azzar fil-Plevna Hotel bejn Mejju 2018 u Novembru 2018 (dokument hawn anness u mmarkat bħlal Dok 'A').
>
> Dan ix-xogħol kien jikkonsisti f'diversi biċċiet ta' xogħol differenti hekk kif indikat mill-*Claim of Works* (dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok 'B').

Ta' dan ix-xogħol is-soċjeta` attriċi għad għandha tirċievi ħlas ta' wieħed u għoxrin elf, wieħed u għoxrin Ewro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€21,021.93).

Dan l-ammont kien anke' maqbul mis-socjeta' konvenuta f'korrispondenza permezz ta' email (dokument hawn annessa u mmarkat bħala Dok 'C').

Is-soċjeta' konvenuta ġiet interpellata diversi drabi permezz ta' *emails* u telefonati sabiex tħallas l-ammont minnha dovut iżda s-soċjeta' ntimata baqgħet inadempjenti (kopja tal-*emails* hawn annessa u mmarkata bħala Dok 'D').

L-ammont hawn fuq indikat hu ċert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-soċjeta' rikkorrenti s-socjeta' konvenuta ma għandha l-ebda eċċezzjoni valida skond il-liġi x'tissoleva f'din il-kawża.

Għalhekk jeżistu l-elementi kollha rikjesti mill-liġi a tenur tal-Artiklu 167 et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap tal-Liġijiet ta' Malta) sabiex din il-kawża ma tinstemax u tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ.

Talbet lill-Qorti sabiex:

1. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ għall-finijiet tal-Artikolu 167 et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara illi s-soċjeta konvenuta għandha tagħti lis-soċjeta' attriċi l-ammont ta' wieħed u għoxrin elf, wieħed u għoxrin Ewro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€21,021.93);.

3. Tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lis-soċjeta' attriċi din is-somma ta' wieħed u għoxrin elf, wieħed u għoxrin Ewro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€21,021.93);

Bl-ispejjeż kollha, inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali 19/2020, il-mandat ta' sekwestru numru 327/2020, kif ukoll l-imgħax legali dekorribbli sad-data tal-ħlas effettiv kontra s-soċjeta' konvenuta.

Rat il-provvediment tagħha tat-22 ta' Settembru 2020 li bih awtorizzat in-notifika tal-konvenuta bil-mezz tal-purtier wara l-ħinijiet legali bid-dispensa tal-ferjat u festi pubblici kif ukoll bill-mezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni f'gazzetta wahda lokali.[1]

Rat illi minkejja li l-konvenuta ġiet notifikata bil-proċedura fuq indikata[2], baqgħet ma ppreżentat ebda risposta maħlufa entro t-terminu mogħti lilha mil-liġi u għalhekk għandha titqiesu li hija kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġijiet.

Semgħet il-konferma ta' Kurt Cini li kkonferma li mid-data li ġie intavolat ir-Rikors Maħluf, il-bilanċ baqa' l-istess u ma sar ebda ħlas mis-soċjetà konvenuta.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

(i) Tilqa' l-ewwel talba billi tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ għall-finijiet tal-Artikolu 167 et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta).

(ii) Tilqa' t-tieni talba billi tiddikjara illi s-soċjeta konvenuta għandha tagħti lis-soċjeta' attriċi l-ammont ta' wieħed u għoxrin elf, wieħed u għoxrin Ewro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€21,021.93).

[1] Fol 40
[2] Fol 42

(iii) Tilqa' t-tielet talba billi tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lis-soċjeta' attriċi din is-somma ta' wieħed u għoxrin elf, wieħed u għoxrin Ewro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€21,021.93 bl-imgħax legali sad-data tal-ħlas effettiv.

Bl-ispejjeż kollha, inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali 19/2020 u l-mandat ta' sekwestru numru 327/2020 a karigu tas-soċjeta` konvenuta.

Moqrija

GRAZIO MERCIECA

IMĦALLEF